32006D0032

L 21/17 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 25.1.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' Jannar 2006

li twassal għall-adattament tal-ko-effiċjenti korretturi applikabbli mill-1 ta' Frar 2005, l-1 ta' Marzu 2005, l-1 ta' April 2005, l-1 ta' Mejju 2005 u l-1 ta' Ġunju 2005 għar-rimunerazzjonijiet ta' l-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali tal-Komunitajiet Ewropej assenjati f'pajjiżi terzi kif ukoll parti mill-uffiċjali li għadhom assenjati fl-għaxar Stati Membri l-ġodda għal perjodu massimu ta' ħmistax-il xahar wara l-adeżjoni (l-Artikolu 33(4) tat-Trattat ta' Adeżjoni ta' l-għaxar Stati Membri l-ġodda)

(2006/32/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolamenti tal-Personell tal-Komunitajiet Ewropej u r-reġim applikabbli għall-aġenti oħra tal-Komunitajiet, iffissati bir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 [1], u notevolment it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13, ta' l-Anness X tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' Adeżjoni ta' l-għaxar Stati Membri, u notevolment l-Artikolu 33(4) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 257/2005 [2] kienu ffissati, b'applikazzjoni ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 13, ta' l-Anness X tar-Regolamenti tal-Personell, il-ko-effiċjenti korretturi li bihom huma affettwati, mill-1 ta' Lulju 2004, ir-rimunerazzjonijiet imħallsa, fil-valuta tal-pajjiż fejn huma assenjati, lill-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali tal-Komunitajiet Ewropej assenjati f'pajjiżi terzi.

(2) Huwa meħtieġ li jkunu adattati, b'konformità mat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13, ta' l-Anness X tar-Regolamenti tal-Personell, mill-1 ta' Frar 2005, l-1 ta' Marzu 2005, l-1 ta' April 2005, l-1 ta' Mejju 2005 u l-1 ta' Ġunju 2005, uħud minn dawn il-ko-effiċjenti korretturi, minħabba li fl-istatistiki għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, il-varjazzjoni fl-għoli tal-ħajja, ikkalkulata skond il-ko-effiċjent korrettur u r-rata tal-kambju korrispondenti, tidher li hi, għal ċerti pajjiżi terzi, superjuri għal 5 % mill-aħħar iffissar jew adattament,

IDDEĊIDIET:

Artikolu uniku

B'effett mill-1 ta' Frar 2005, l-1 ta' Marzu 2005, l-1 ta' April 2005, l-1 ta' Mejju 2005 u l-1 ta' Ġunju 2005, il-ko-effiċjenti korretturi, applikabbli għar-rimunerazzjonijiet ta' l-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali tal-Komunitajiet Ewropej assenjati f'pajjiżi terzi kif ukoll għal parti mill-uffiċjali li għadhom assenjati fl-għaxar Stati Membri l-ġodda għal perjodu massimu ta' ħmistax-il xahar wara l-adeżjoni, imħallsa bil-valuta tal-pajjiż fejn huma assenjati, huma adattati kif indikat fl-Anness.

Ir-rati tal-kambju użati għall-kalkolu ta' dawn ir-rimunerazzjonijiet huma stabbiliti b'konformità mal-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tar-Regolament Finanzjarju u jikkorrispondu mad-data indikata fl-ewwel paragrafu.

Magħmul fi Brussell, 16 ta' Jannar 2006.

Għall-Kummissjoni

Benita FERRERO-WALDNER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2104/2005 (ĠU L 337, 22.12.2005, p. 7).

[2] ĠU L 46, 17.2.2005, p. 1.

ANNESS

PAJJIŻI TA' ASSENJAZZJONI	Ko-effiċjenti Korretturi (Frar 2005)
L-Arabja Sawdita	81,0
Il-Bolivja	46,6
L-Eritrea	45,0
Il-Gambja	43,0
Il-Ġeorġja	90,2
Il-Ginea	71,7
Il-Kenja	72,5
Il-Madagaskar	70,5
Il-Malawi	70,7
Il-Pakistan	47,5
Il-Filippini	46,8
Ir-Repubblika Domenikana	76,7
Ir-Rwanda	78,2
Is-Serbja u l-Montenegro	59,4
Is-Sudan	39,3
Sri Lanka	54,4
It-Turkija	86,0
Il-Vjetnam	49,7
Iż-Żambja	46,9
Iż-Żimbabwe	65,5

PAJJIŻI TA' ASSENJAZZJONI	Ko-effiċjenti Korretturi (Marzu 2005)
L-Angola	108,6
Il-Korea ta' Isfel	100,3
L-Eġittu	50,8
In-Nikaragwa	61,7
In-Niġerja	74,9
Il-Paragwaj	57,6
Ir-Repubblika Ċentrali Afrikana	115,4
Is-Sirja	63,1

PAJJIŻI TA' ASSENJAZZJONI	Ko-effiċjenti Korretturi (April 2005)
Il-Bangladexx	49,9
Il-Barbados	111,4
Il-Benin	92,8
L-Eritrea	46,1
L-Etjopja	66,2
Il-Gżejjer Fiġi	74,5
Il-Lesoto	71,8
Il-Malawi	72,9
Il-Mawritanja	65,1
Is-Sirja	64,4
Iż-Żimbabwe	69,4

PAJJIŻI TA' ASSENJAZZJONI	Ko-effiċjenti Korretturi (Mejju 2005)
Il-Brażil	65,9
Burkina Faso	86,6
Il-Kosta Rika	66,9
Kuba	88,6
Il-Gambja	46,7
Il-Ginea	60,5
Il-Gujana	57,1
Il-Ħaïti	91,9
Il-Laos	71,1
Il-Madagaskar	71,1
In-Nepal	68,0
In-Niġer	93,0
In-Niġerja	79,8
Il-Pakistan	50,1
Sierra Leone	68,5
Is-Slovenja	78,2
Is-Sważiland	71,3
Iż-Żimbabwe	74,8

PAJJIŻI TA' ASSENJAZZJONI	Ko-effiċjenti Korretturi (Ġunju 2005)
L-Etjopja	75,5
Il-Gżejjer Solomon	82,1
L-Indonesja	75,9
Il-Kenja	81,4
Il-Veneżwela	58,0
Iż-Żimbabwe	60,5